MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2008

Mandat Numru. 846/2008/1

***Dr. Franco Galea noe***

***versus***

***P & K Caruana Co Ltd et***

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors u d-digriet taghha precedenti tat-3 ta' Gunju, 2008.

Rat ir-risposti tal-intimati.

Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esebiti.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

Hawnhekk sitratta ta' oggetti li qed jigu mibjugha u spaccjati mis-socjeta' konvenuta bil-markju "Panell" filwaqt

li r-rikorrenti jipproducu l-istess tigi ta' oggetti bil-markju "Pannopell". Ir-rikorrenti qed joggezzjonaw ghal dan u dang hall-varji ragunijiet fosthom li l-marka li hemm fuq l-oggetti spaccjati mill-intimati tista' tohloq konfuzjoni mal-oggetti prodotti mir-rikorrenti.

Fl-ewwel lok ma jirrizultax sufficjentement li l-intimat Patrick Caruana personalment ghandu jitqies bhala l-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u konsegwentement l-istess intimate ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Fit-tieni lok, wara li l-Qorti ezaminat iz-zewg prodotti rispettivi tal-partijiet u li gew esebiti, thoss, almenu "prima facie" li ma tistax tinholoq in certazza jew tinholoq konfuzjoni fil-mohh tal-konsumatur jew tal-akwerent prospettiv.

Lanqas ma gie pruvat sufficjentement li l-prodott tar-rikorrent hu mgharuf mad-dinja kollha;

Il-marka fuq il-prodotti in kwistjoni hi ta' forma differenti u filwaqt li dak tar-rikorrenti hu bil-lingwa taljana u dik tal-intimati hi bl-ingliz. Ma hemm xejn fit-tikketta tal-prodotti tal-intimati li jista' jisvija lill-konsumatur jew lix-xerrej prospettiv.

Ghalhekk it-talba ghall-hrug ta' dan il-mandat kawtelatorju ghandha tigi michuda u dan minhabba l-fatt li ma jirrizulta ebda ksur tal-provedimenti relattivi tal-Kap 416 tal-Kodici Kummercjali u minhabba wkoll li ma jirrizulta ebda dritt tar-rikorrenti li ghandu jigi protett.

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi billi tirrevoka "contrario imperio" d-digriet taghha tat-3 ta' Gunju, 2008 u b'hekk tichad it-talba ghal hrug tal-mandat ta' inibizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------